**KUNSILL LOKALI NADUR**
**MINUTI**

## Laqgħa B'Urgenza tal-Kunsill Lokali Nadur

## DISA' (9) LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru Erbgħin (40)

## Il-Gimgħa, 21 ta' Jannar, 2022

Il-Kunsill Lokali tan-Nadur iltaqa' Online fit-2:30pm.

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Edward Said | Sindku |
| Eucharist Camilleri | Viċi Sindku |
| Joseph Vella | Kunsillier |
| Jean Paul Portelli | Kunsillier |
| Josef Camilleri | Kunsillier |

**UFFIĊJALI PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Sue Ellen Buġeja | Segretarju Eżekuttiv |

**SKUZATI:**

| | |
|---|---|
| Megan Portelli | Ambaxxatur taż-Żgħazagħ |

**MINUTI**

Il-laqgħa bdiet b'talba.

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva

## KUNSILL LOKALI NADUR

40.1. Qari tal-ittri ta' l-apoloġiji.

L-Ambaxxatriċi taz-Zgħazagħ kienet skuzata.

40.2. SPI.SCI.2022- Finanzjament għal żvilup u titjib fil-Kundizzjonijiet tal-Playing Fields fil-Lokalitajiet f'Malta u Għawdex.

Is-Sindku ppreżenta proposta fid-dettal lil Kunsill Lokali sabiex permezz ta' din l-iskema napplikaw sabiex jinbidel l-apparat kollu tal-playing field ta' San Blas, li jinsab fi stat ħazin u huwa antik ħafna tant li jitlob manutenzjoni kontinwa. Is-Sindku spjega li għandna napplikaw sabiex nibdlu l-equipment kollu tat-tfal, nżidu equipment li huwa attrezzat għal persuni b'dizabilita, u nibdlu anke l-bankijiet u l-bins għax qdiemu wkoll. Kien hemm qbil unanimu mill-Kunsill kollu li napplikaw għal din l-iskema.

40.3. Ambjent Malta- Call for Applications- Local Council Urban Greening Scheme 2022.

Kien hemm diskussjoni fit-tul rigward din l-applikazzjoni u fuq postijiet fejn il-Kunsill jista forsi japplika. Kien hemm qbil li l-Kunsill ma japplikax fuq din l-iskema għalissa izda napplikaw jekk terġgħa toħroġ il-quddiem u jkollna ħin aktar  biex nippreperawha.

40.4.  Miżura 4.3 (EAFRD).

Is-Sindku ppreżenta proposta quddiem il-Kunsill Lokali sabiex napplikaw għal din l-iskema li tiffinanzja sa 90% tal-proġett, sabiex nsolvu problem kbar f'toroq rurali li jintuzaw kemm mill-bdiewa kif ukoll minn turisti u dawk li jagħmlu mixjiet fil-kampanja. Wara diskussjoni twila kien hemm qbil bejn il-Kunsill kollu li l-Kunsill japplika fuq dawn l-areas:-

Triq Wied ir-Riħan

Triq ta' Xurdin (lejn Triq ir-Ramla)

Triq l-Għassa tal-Maħrag

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Edward Said | Sue-Ellen Bugeja |
| Sindku | Segretarja Ezekuttiva |

## KUNSILL LOKALI NADUR

Triq l-Irdum ta' Vnuta

Il-Kunsill iħallas 10% tal-proġett li imbgħad napplikaw ukoll għal-co-financing jekk l-applikazzjoni tagħna tiġi *awarded*.

Kien hemm qbil fuq dan kollu. Il-Kunsill ser juza l-għajnuna ta' SEM sabiex timtela l-applikazzjoni.

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva